MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2013

Numru. 1248/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR KYLIE BORG**

**VS**

**CARMEN HARKINS**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Carmen Harkins, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 773960 (M).

**Akkuzata talli:**

B’diversi atti maghmulin fi zminijiet, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

1. B’mezz kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b’ohra sabiex gieghlet jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta` haddiehor, ta` aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta` Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;
3. U aktar talli sabiex tikseb vantagg ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor, f’dokument mahsub ghal awtorita` pubblika, xjentament ghamlet dikjarazzjoni falza jew tat taghrif falz.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 308, 310 (a), 184 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputata, tiddikjara li din il-Qorti m’ghandix alternattiva ohra hlief li ssib lill-imputata hatja kif akkuzata.

Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz specjalment l-istat mediku tal-imputata temmen li piena karcerarja effettiva tkun ta` dannu ghas-sahha tal-istess imputata.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li dina l-Qorti qed tikkundanna lill-imputata ghal terminu ta` prigunerija ta` sena (1) a tenur tal-artikolu 28 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li dan it-terminu ma jibdiex isehh jekk l-imputata ma

tikkomettix reat iehor fi zmien sentejn (2) li ghalih hemm terminu ta` prigunerija.

In oltre, l-imputata qed tigi kkundannata taghmel sighat ta` xoghol mal-*breast screening programme* fl-ammont totali ta` hamest elef ewro (€5,000) sabiex jithallas lura dak kollu li hija hadet.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------